Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Numru. 75/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Louis sive Horace Cassar**

**Illum, 28 ta' Frar 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Louis sive Horace Cassar ta' 46 sena, iben Joseph u Lorenza nee' Brincat, imwieled Pieta' fl-1 t' Awwissu, 1962 residenti fil-fond numru 33 Triq il-Bieqja Birzebugia u detentur tal-karta tal-identita numru 507162(M).

Akkuzat talli fl-1 ta' Jannar, 2009 ghall-habta ta' 00:15hrs ikkommetta serq ta' kaxxi tal-grouting u xkejjer tal-gypsum

minn go fond li jinsab taht kostruzzjoni gewwa Triq il-Majjistral, Marsaskala ghad-detriment ta’ Marvin Fenech u Godfrey Camilleri, liema serq huwa aggravat bil-hin, mezz u ammont, liema ammont jeccedi s-somma ta’ 232.93 Euros (Lm100) izda ma jeccedix is-somma ta’ 1164.69 Euros (Lm500).

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv b’ diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghu jinbidlu.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u minn-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-fatt li jidher li ricentement l-imputat qed jipprova jirriabilita lilu nnifsu. Il-Qorti hija disposta taghti l-ahhar opportunita lill-imputat biex verament jirriabilita lilu nnifsu pero b’l-intieza cara li jekk huwa ma jaghrafx jiehu din l-opportunita huwa ser ikollu jirrispondi ghar-reati li taghhom qed jinstab hati; ghalhekk hija ser tpoggih taht ordni ta’ probation ghall-itwal zmien possibbli.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Drettur ta' l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------